**5 ta' Lulju, 1984**

**Imħallef:-**

**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Lawrence Patrick Ciantar u Mario Barbara

**Tentattiv ta' Serq**

*Fl-isfond tal-kunċetti tradizzjonali in materja ta' tentattiv ta' reat adottati mill-Qrati tagħna u ċ-ċirkostanza ta' serq ta' karozza (sebbene għall-użu biss), hu inkonċepibbli li l-att fid-daħħil ta' ċavetta fis-serratura tal-bieba tista' b'xi mod tiġi kkunsidrata bħala att ta' preparazzjoni u mhux bħala att ta' konsumazzjoni.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputati u ċjoè talli f'San Ġiljan, fit-23 ta' Ottubru, 1983, għall-ħabta tan-nofs siegħa ta' filgħodu, bil-ħsieb li jisirqu karozza nru. S-7418

proprjetà ta' Bernard Mary liema karozza tiswa aktar minn elf lira urew dan il-ħsieb b'attijiet esterjuri u taw bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt liema serq ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tagħhom, liema delitt huwa aggravat bil-mezz, ħin u valur;

Rat ir-rinviju finali ta' l-Avukat Ġenerali (fol. fejn bagħat liż-żewġ imputati fuq imsemmija biex jiġu ġġudikati minn din il-Qorti dwar xi attijiet li jistgħu jinsabu kontra tagħhom taħt il-provvedimenti ta' l-artikoli tal-Kodiċi Kriminali hemm indikati;

Rat il-verbal fejn iż-żewġ imputati ddikjaraw li m'għandhomx oġġezzjoni li jiġu ġġudikati bi proċedura sommarja;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għal Gżira ta' Malta tal-21 ta' Marzu, 1984 li biha sabet liż-żewġ imputati ħatja ta' attentat ta' serq għall-użu biss ikkwalifikat bil-mezz (infietaħ foloz), bil-valur u bil-ħin (artikolu 274 (b), (ċ), (d); 276 (a), 277 (1), 278, 280, 283, 42 (1) (a), 291 (1), (2), (3), Kodiċi Kriminali u artikolu 20 (Kap. 105), però, stante ċ-ċirkostanzi tal-każ u l-kondotta preċendentement tajba tagħhom, illiberat lill-imputati taħt il-provvedimenti ta' l-artikolu 9 ta' l-Att XII ta' l-1957 bil-kondizzjoni li ma jagħmlux reat ieħor fi żmien sena u kkundannat lill-imputati flimkien in solidu li jħallsu lir-Reġistratur l-ispejjeż kollha konnessi mal-ħatra ta' esperti f'din il-kawża fl-ammont ta' Lm8.50,0 u dan fi żmien tliet xhur u dan kollu wara li dik il-Qorti kkunsidrat illi:

"Jirriżulta li kmieni għall-ħabta tan-nofs siegħa ta' filgħodu tat-23 ta' Ottubru, 1983, iż-żewġ imputati ippruvaw jiftħu l-bieba ta' karozza tal-marka Ford Escort numru S-7418 tal-valur ta' ċirka Lm600 li kienet ipparkjata u msakkra fi Triq

il-Kbira, San Ġiljan, bil-ħsieb biss li jsuquha u jmorru biha jew f'Paceville jew f'San Pawl il-Baħar. Huma ma rnexxilhomx anqas biss jiftħu l-bieba peress li, fost kollox rathom sid il-karozza mill-gallerija tad-dar tagħha";

Rat ir-rikors ta' l-appell taż-żewġ imputati li permezz tiegħu talbu illi din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberahom minn kull ħtija u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravju ta' l-appellanti hu fis-sens illi huma jikkontendu li kienu għadhom ma tawx bidu għall-esekuzzjoni tar-reat kif jirrikjedi l-kunċett ta' attentat iżda kienu biss għamlu atti preparattivi;

Illi dan l-aggravju però mhux fondat. Infatti, fl-isfond tal-kunċetti tradizzjonali in materja ta' tentattiv reat adottati minn dawn il-Qrati u ċ-ċirkostanza ta' serq ta' karozza (sebbene għall-użu biss) hu inkonċepibbli li l-att konsistenti fid-daħħil ta' ċavetta fis-serratura tal-bieba tista' b'xi mod tiġi kkunsidrata bħala att ta' preparazzjoni u mhux bħala att ta' konsumazzjoni. F'dan ir-rigward din il-Qorti ma tħossx li għandha tgħid ħafna għax iċ-ċirkostanzi jitkellmu waħedhom;

Għal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell interpost miż-żewġ appellanti billi tiċħad l-istess u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata b'effett mil-lum.